II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1180

tal-11 ta' Jannar 2022

li jikkoreġi d-Direttiva 2009/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli u standards ta' sigurtà għal vapuri tal-passiġġieri

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2009/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar regoli u standards ta' sigurtà għall-vapuri tal-passiġġieri ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(2) u (3) tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/411 ([2]) kien fih żball fil-verżjoni emendata tal-Anness I, it-Taqsima 2, il-Kapitolu II-1, il-Parti B tad-Direttiva 2009/45/KE.

(2) L-Anness I, it-Taqsima 2, il-Kapitolu II-1, il-Parti B tad-Direttiva 2009/45/KE, kif emendat bir-Regolament Delegat (UE) 2020/411 ma jeskludix ir-Regolament 8.1 mill-kamp ta' applikazzjoni tal-parti rispettiva tal-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar, magħmula f'Londra fl-1 ta' Novembru 1974 (il-Konvenzjoni SOLAS tal-1974), kif emendata, għall-vapuri tal-passiġġieri tal-kategorija B, C, u D.

(3) Matul in-negozjati dwar l-abbozz tar-Regolament Delegat (UE) 2020/411, l-esperti qablu li r-rekwiżiti tar-Ritorn Sikur fil-Port ikkodifikati fir-Regolament 8.1 tal-Kapitolu II-1, il-Parti B tal-Konvenzjoni SOLAS tal-1974 jenħtieġ li ma japplikawx għal vapuri tal-passiġġieri tal-kategorija B, C, u D, peress li jkun sproporzjonat meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi li fihom joperaw dawk il-kategoriji ta' vapuri.

(4) Għalhekk id-Direttiva 2009/45/KE jenħtieġ li tiġi kkoreġuta kif meħtieġ,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Anness I, it-Taqsima 2, il-Kapitolu II-1 tad-Direttiva 2009/45/KE, il-Parti B hija sostitwita b'dan li ġej:

"PARTI B — STABBILTÀ INTATTA, SUDDIVIŻJONI U STABBILTÀ TAD-DANNI

Il-vapuri għandhom japplikaw ir-rekwiżiti fid-dispożizzjonijiet xierqa tal-Konvenzjoni SOLAS, il-Kapitolu II-1, il-partijiet B sa B-4, kif emendati, bl-eċċezzjoni tar-Regolament 8-1."

([1]) ĠU L 163, 25.6.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/411 tad-19 ta' Novembru 2019 li jemenda d-Direttiva 2009/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli u standards ta' sigurtà għal vapuri tal-passiġġieri, fir-rigward tar-rekwiżiti tas-sikurezza għall-vapuri tal-passiġġieri involuti fi vjaġġi domestiċi (ĠU L 83, 19.3.2020, p. 1).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Jannar 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN